MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 4/2012

**Pierre Micallef**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Pierre Micallef fil-5 ta’ Jannar 2012 permezz ta’ liema jitlob li t-Tribunal jiddikjara li ebda taxxa addizzjonali u penali ma hija minnu dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni mal-Kont bin-Numru IV120294 stante li: (a) il-procedura adoperata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija manifestament preskritta ai termini tal-Ligi; (b) f’kaz li l-procedura ma hijiex hekk preskritta l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu jindika taht liema artikolu tal-Ligi qed iressaq it-talba tieghu kontrih; u (c) l-istima tal-proprjetà da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni saret sena wara l-akkwist u l-istess stima hija ghal kollox irragjonevoli;

Ra il-Kont bin-Numru IV120294 datat 26 ta' Ottubru 2011 anness mar-Rikors promotur a fol. 2 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (a) preliminarjament il-procedura ma hijiex preskritta; u (b) id-decizjoni mehuda minnu u l-likwidazzjoni minnu maghmula huma gusti u saru skond il-Ligi;

Sema' x-xhieda moghtija mir-Rikorrent waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2012[1] u ra id-dokumenti esebiti minnu u markati Dok. "PM1" sa' Dok. "PM7" a fol. 21 sa' 49 tal-process, ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' Nota pprezentata fl-14 ta' Settembru 2012 markati Dok. "KTI" sa' Dok. "KTI3" a fol. 60 sa' 69 tal-process, sema' x-xhieda moghtija mill-Perit Mario Cassar waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2012[2] u ra d-dokumenti esebiti waqt l-imsemmija seduta u markati Dok. "MC1" sa' Dok. "MC4" a fol. 74 sa' 77 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'Avviz ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni datat 26 ta' Ottubru 2011 ir-Rikorrent gie infurmat li l-oggezzjoni tieghu kontra l-Likwidazzjoni bil-Kont Numru IV120294 relattiva ghall-akkwist tal-Penthouse Nru.10, Crown Court, Triq it-Tamar, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, bis-sahha ta' kuntratt datat 22 ta' Lulju 2008, ma gietx milqugha u ghalhekk gie kkonfermat il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €36,500 stmat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u konsegwentement gie interpellat ihallas l-ammont ta' €1,825 rapprezentanti taxxa dovuta fuq il-valur addizzjonali taxxabbli u l-ammont ulterjuri ta' €1,825 rapprezentanti taxxa addizzjonali/penali. Ir-Rikorrent

[1] Fol. 50 sa' 57 tal-process.
[2] Fol. 78 sa' 85 tal-process.

jikkontesta l-Likwidazzjoni maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u jippretendi li ma hija minnu dovuta l-ebda taxxa u penali in konnessjoni ma' l-akkwist ta' l-imsemmija Penthouse.

Ir-Rikorrent jibbaza l-kontestazzjoni tieghu ghall-pretensjonijiet tal-Kummissarju tal-Taxxi Interni fuq is-segwenti tlett aggravji: (i) illi l-procedura adottata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tieghu hija manifestament preskritta; (ii) kemm-il darba l-procedura ma hijiex preskritta, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu jindika fuq liema artikolu tal-Ligi qed jibbaza l-pretensjonijiet tieghu kontrih; u (iii) l-istima da parte tal-Kummissarju saret sena wara l-akkwist tal-Penthouse u dik l-istess stima hija ghal kollox irragonevoli. In bazi ghal dawn l-aggravji r-Rikorrent jitlob li t-Tribunal jiddikjara li ma hija dovuta minnu l-ebda taxxa u penali lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni ma' l-akkwist tal-Penthouse in kwistjoni.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) il-procedura ma hijiex preskritta; u (ii) id-decizjoni mehuda minnu u l-likwidazzjoni minnu maghmula huma gusti u saru skond il-ligi. Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik sollevata mir-Rikorrent fl-ewwel aggravju tieghu u cioè li l-procedura adottata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tieghu hija manifestament preskritta.

Iz-zewg termini perentorji iktar milli preskrittivi li jirrizultaw mill-Att Dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, huma dawk stipulati fl-Artikolu 52(5) u fl-Artikolu 56(3) ta' l-Att, li rispettivament jipprovdu illi: *salvi d-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju jista' jaghmel stima skont kif hemm provdut f'dan l-artikolu, f'kull zmien, <u>fi zmien sena mill-jum li fih il-Kummissarju jkun ircieva l-avviz imsemmi fl-artikolu 51</u>[3]: Izda fil-kaz ta' avviz dwar dikajrazzjoni ta'*

[3] Sottolinear tat-Tribunal.

*trasferiment causa mortis dik l-istima ghandha ssir fi zmien erba' snin minn meta dak l-avviz ikun gie ricevut* [Art. 52(5)] u *jekk ma jintlahaqx ftehim kif provdut fis-subartikolu (2), il-Kummissarju ghandu jiddeciedi t-taxxa b'ordni bil-miktub u jinnotifika lill-persuna li toggezzjona avviz li hu jirrifjuta li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub minn dik il-persuna fi zmien tliet snin mid-data ta' meta jircievi l-imsemmi avviz ta' oggezzjoni*[4] [Art. 56(3)].

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta li wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), jircievi avviz ta' att dwar trasferiment ta' proprjetà minghand in-Nutar li jkun ippubblika dak l-att ta' trasferiment, huwa ghandu zmien sena biex johrog fil-konfront ta' u jinnotifika lit-*tax payer* bi stima ai termini ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta dwar dak it-trasferiment, u jekk dik l-istima tigi kontestata mit-*tax payer* permezz ta' oggezzjoni, l-istess Kummissarju, illum Direttur Generali, ghandu zmien tlett snin minn meta jircievi dik l-oggezzjoni biex jikkonsidraha u jekk ikun il-kaz jirrifjutaha.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li n-Nutar Fiona Farrugia tat avviz lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar l-att li gie pubblikat minnha fit-22 ta' Lulju 2008 relattiv ghat-trasferiment tal-Penthouse Nru.10, Crown Court, Triq it-Tamar, Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, fit-**13 ta' Awwissu 2008** – Dok. KTI3 a fol. 67 sa' 69 tal-process. B'hekk il-Kummissarju seta' johrog fil-konfront ta' u jinnotifika lit-*tax payer* bi stima ai termini ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta sa' mhux iktar tard mit-**13 ta' Awwissu 2009**. Ghalkemm fl-atti processwali ma hemmx l-istima originali li inharget mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent, mid-dokumenti esebiti mill-Intimat u senjatament mid-dokument Dok. "KTI2" a fol. 66 tal-process jirrizulta li fit-**18 ta' Mejju 2009** ir-Rikorrent ressaq l-ewwel oggezzjoni tieghu mill-istima mahruga kontrih mill-Kummissarju, liema oggezzjoni giet segwita b'oggezzjoni ohra datata **28 ta' Lulju 2009 –** Dok. "KTI1" a fol. 65 tal-process. B'hekk jirrizulta li entro t-terminu ta' sena prefiss

[4] Sottolinear tat-Tribunal.

fl-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg stima fil-konfront tar-Rikorrent a tenur ta’ l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta u innotifikah b’dik l-istess stima.

It-terminu ta’ tlett snin prefiss fl-Artikolu 56(3) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta beda jiddekorri mid-data meta l-Kummissarju tat-Taxxi Interni rcieva l-ewwel oggezzjoni sottomessa mir-Rikorrent. Din id-data ma tirrizultax b’mod car mill-atti processwali però zgur hi ftit jiem wara d-data ta’ l-oggezzjoni ossia t-**18 ta’ Mejju 2009** u ghalhekk ir-rifjut kellu johrog sa’ mhux iktar tard mit-**18 ta’ Mejju 2012 jew ftit granet iktar tard**. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ta d-decizjoni tieghu dwar ir-rifjut ta’ dik l-oggezzjoni fil-**25 ta’ Ottubru 2011** u l-Avviz ta’ Rifjut ta’ Oggezzjoni inhareg fis-**26 ta’ Ottubru 2011**[5], u cioè ben entro t-terminu ta’ tlett snin prefiss fil-Ligi. Ghalkemm ma jirrizultax meta dawn id-dokumenti gew notifikati lir-Rikorrent, ladarba r-Rikors quddiem dan it-Tribunal gie pprezentat fil-**5 ta’ Jannar 2012** jirrizulta b’mod car li l-istess gew ukoll notifikati entro t-terminu perentorju ta’ tlett snin prefiss fl-Artikolu 56(3) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent fl-ewwel aggravju tieghu, il-procedura istitwita kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma hijiex preskritta jew ahjar ma hijiex perenta.

Bit-tieni aggravju ta’ l-appell ir-Rikorrent jesigi minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni indikazzjoni ta’ l-artikolu fuq liema huwa jibbaza l-pretensjonijiet tieghu kontrih. Fir-Risposta li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezenta ghall-appell tar-Rikorrent ma jindikax liema huma l-artikoli tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq liema jibbaza l-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tar-Rikorrent izda, minn qari ta’ l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi jirrizulta b’mod car li l-Kummissarju agixxa a tenur ta’ dak provdut fl-Artikoli 10 u 52 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta, li essenzjalment jaghtuh il-jedd illi meta jkun sodisfatt li l-valur espress jew

[5] Flimkien markati Dok. “KTI” a fol. 61 sa’ 64 tal-process.

dikjarat f'att ta' trasferiment jew dikjarazzjoni *causa mortis*, skond il-kaz, ma jkunx il-valur reali u l-valur hekk espress jew dikjarat ikun inqas minn 85% mill-valur reali kif stabbilit minnu jista' johrog stima fil-konfront tat-*tax payer* ghall-hlas tad-differenza fit-taxxa dovuta u ta' taxxa addizzjonali.

Bit-tielet aggravju tieghu r-Rikorrent jikkontesta l-validità u korrettezza ta' l-istima tal-Penthouse Nru.10 "Crown Court" Triq it-Tamar, Qawra, maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in bazi ghall-affermazzjoni li l-istima saret iktar minn sena wara li giet akkwistata l-Penthouse u l-istess hija ghal kollox irragjonevoli.

Mill-atti processwali jirrizulta li bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Fiona Farrugia datat 22 ta' Lulju 2008[6] ir-Rikorrent u l-mara tieghu Aliceanne Micallef akkwistaw il-Penthouse Nru.10 "Crown Court" Triq it-Tamar, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, *in a complete state including internal solid pine doors* u inkluzi l-partijiet komuni tal-blokk ta' appartamenti ghall-prezz ta' €123,456. Ghall-finijiet ta' dak l-akkwist il-konjugi Micallef ottjenew finanzjament mill-Bank ghall-valur totali ta' €158,863[7] li minnhom €123,456 kellhom jithallsu direttament lill-vendituri, €28,000 ghall-finijiet li jithallsu kuntratturi/suppliers u €7,407 jithallsu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u lin-Nutar a saldu tat-taxxa dovuta fuq it-trasferiment u ghall-ispejjez notarili u drittijiet professjonali. Ir-Rikorrent iddikjara li apparte li thallas l-ammont ta' €123,456 lill-vendituri thallas ukoll l-ammont ta' €28,000 ghal diversi xoghlijiet minnu esegwiti tramite *turnkey contractor* fil-Penthouse bejn id-data tal-konvenju u d-data ta' l-att ta' trasferiment finali[8]. Bhala konferma tal-hlas ta' €28,000 ir-Rikorrent esebixxa fotokopja ta' ricevuta fiskali mahruga mis-socjetà Mica Med Limited ta' Mica Med Garage, Triq Belt il-Hazna, Marsa, datata 22 ta' Lulju 2008[9].

---

6 Dok. "PM1" a fol. 21 sa' 34 tal-process.
7 Ittri ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c. datati 2 ta' Mejju 2008 u 15 ta' Mejju 2008 rispettivament.
8 Xhieda moghtija mir-Rikorrent waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, fol. 50 sa' 57 tal-process.
9 Dok. "PM3" a fol. 45 tal-process.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni inkariga lill-Perit Mario Cassar sabiex jispezzjona il-fond akkwistat mir-Rikorrent u l-mara tieghu u jaghmel stima ta’ l-istess ghall-fini li jigi determinat jekk il-valur ta’ l-akkwist dikjarat fil-kuntratt ta’ trasferiment huwiex il-valur reali tal-Penthouse. Ghall-ewwel il-Perit Cassar ma rnexxilux jaccedi l-Penthouse ghall-fini li jispezzjonaha u fit-23 ta’ April 2009 issottometta stima *best of judgment* ghall-valur ta’ €200,000[10]. In segwitu ghall-ewwel oggezzjoni tar-Rikorrent il-Perit Cassar acceda fil-Penthouse u fis-16 ta’ Lulju 2009 issottometta stima riveduta ta’ €160,000[11]. Wara dik l-istima r-Rikorrent ipprezenta r-ricevuta fiskali lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u wara li l-file rega’ inbaghat lill-Perit Cassar l-istima giet riveduta tnaqqset ghal €120,000. Ghalkemm il-Perit Cassar jidher li ha in konsiderazzjoni r-ricevuta fiskali sottomessa mir-Rikorrent f’minuta numru 15 huwa ghamel is-segwenti rimarka: *Mr. Mifsud, I would not have a copy of the deed. If the facts are as noted by Mr. Cachia then the VAT receipt – as showing finishing works – is to say the least suspicious. It can be that works were carried out between the promise of sale and the deed?*[12]

Il-Perit Cassar spjega din l-osservazzjoni tieghu fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-12 ta’ Novembru 2012[13]. In kontro-ezami ghad-domanda *Naqblu illi skont minuta number 10 din* [l-istima] *giet ridotta ghal darba ohra minn €160,000 ghal €120,000?* il-Perit Cassar irrisponda *Iva. U zgur ghax jidher li meta ghamilt il-valutazzjoni tal-€160,000 ma gewxipprezentati VAT receipts ghax fil-fatt jien terga’ apparti r-ritratti kont nitlobhom ghall-inqas ippruvawli li billi x-xoghol ghamiltuh intom jien nemminkom sakemm tipprovduli l-VAT receipts, naghtihom chance iehor.* U ghad-domanda *Mela halli nirreferik ghall-minuta number 15 Perit, hawn ktibt hekk inti “I would not have a copy of the deed. If the facts are as noted by Mr. Cachia, then the VAT receipt as showing finishing works is to say the least suspicious”* il-

---

[10] Dok. “MC1” a fol. 74 tal-process.
[11] Dok. “MC2” a fol. 75 tal-process.
[12] Dok. “MC3” a fol. 76 tal-process.
[13] Fol. 78 sa’ 85 tal-process.

Perit Cassar spjega li *ghaliex normalment kelli kazi li VAT receipts igibuli chunk VAT receipts ta' €30,000/€40,000, niftakar kaz minnhom minghand xi hadd tal-kmamar tal-banju, ir-Rabat, u jgibulek VAT receipt shiha. Issa nkunu onesti, jekk inti ffinixxjat post nippretendi li jkolli VAT receipt ghall-inqas ta' 4 items differenti, ghall-inqas, mhux ta' kollox* u in risposta ghal mistoqsija mit-Tribunal *igifieri jekk qed nifmhek sew meta inti jigik tax payer li huwa l-proprjetarju attwali tal-post u jaghtik VAT receipt wahda illi presumibilment u probabilment din tkun inghatat lill-kuntrattur wiehed, inti dik it sets off your alarms illi hemm xi haga?* il-Perit Cassar irrisponda *f'certa kazi iva u f'dan il-kaz, jekk ghamilt dik il-minuta, kien hekk ghaliex meta inti tinsisti darba, tiltaqa' mat-tax payer tghidlu urini r-ritratt tieghu ghall-inqas VAT receipts u ma jgibx VAT receipts, imbaghad it-tieni darba jibghat VAT receipt lid-dipartiment u jinfurmani li nghataw il-VAT receipts, jien irrid nehodhom in konsiderazzjoni. Issa, I used to give the benefit of the doubt lit-tax payer, biss fra parentesi, biex id-dipartiment jghinu lit-tax payer, irid ighin lid-dipartiment, irid jittiehdu certu informazzjoni fuq xiex jista' jaghmel decizjoni d-dipartiment. Ma jistax jitolbu VAT receipts u jgiblu VAT receipts ta' €40,000 minghand wiehed tal-kmamar tal-banju li lanqas biss huwa turnkey contractor. Igibli kuntratt ghall-inqas.*

Nonostante d-dubji li kellu l-Perit Cassar huwa xorta naqqas l-istima tieghu minn €160,000 ghal €120,000 u dana billi skontu meta tigi pprezentata ricevuta fiskali valida huwa ma jistghax ma jehodhix in konsiderazzjoni izda jigbed l-attenzjoni tad-Dipartiment dwar id-dubji tieghu[14]. Jidher però li d-dubji tal-Perit Cassar gew kondivizi mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghaliex fid-decizjoni dwar ir-rifjut ta' l-oggezzjoni tar-Rikorrent[15] il-Kummissarju adottata l-istima ta' €160,000 bhala l-valur reali tal-Penthouse akkwistata mir-Rikorrent u martu u dana billi *transferees failed to produce any evidence to show that the value declared in the deed is correct. Under the circumstances the Commissioner sees no valid*

[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2012, fol 78 sa' 85 tal-process.
[15] Fol. 63 sa' 64 tal-process.

*reason for discarding the advice obtained by him and confirms his assessment in that respect*, ossia li t-taxxa ulterjuri dovuta tammonta ghal €1,825 u t-taxxa addizzjonali imposta tammonta ghal €1,825.

Minn dan kollu appena osservat jirrizulta ghalhekk li l-kwistjoni kollha tirrivolvi madwar il-validità o meno tar-ricevuta fiskali ipprezentata mir-Rikorrent kemm lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif ukoll mill-gdid quddiem dan it-Tribunal bhala Dok. “PM3” a fol. 45 tal-process.

Minn ezami tal-provi prodotti u partikolarment tax-xhieda moghtija mir-Rikorrent u id-dokumenti esebiti minnu t-Tribunal ghandu riservi serjissimi dwar il-validità tar-ricevuta fiskali sottomessa mir-Rikorrent in sostenn ta’ l-allegata spiza ta’ €28,000 f’xoghlijiet fil-Penthouse minnu akkwistata. Waqt is-seduta tat-23 ta’ Mejju 2012[16] ir-Rikorrent iddikjara li *jien dan* [ossia l-Penthouse] *xtrajtu f’Mejju biex nuzah bhala residenza tas-sajf u minn May sa’ meta ghamilt il-kuntratt l-owner tani ic-cavetta u bdejt naghmel ix-xoghol fih biex nuzah fis-sajf jien.* Ix-xoghol illi allegatament sar mir-Rikorrent kien jikkonsisti f’progett *turnkey* li kien jinvolvi t-tqeghid ta’ madum f’partijiet mill-Penthouse, inkluza f’kamra tal-banju minnhom, kisi u zebgha kollu mill-gdid ghaliex ix-xoghol ma kienx maghmul sew, alterazzjonijiet fis-sistema ta’ l-ilma u xoghol fit-terrazzin ta’ barra li minn madum ghamlu bid-decking. Ir-Rikorrent essenzjalment iddikjara li *bil-finishing b’kollox ghamilt jiena*. Din ix-xhieda però tikkuntrasta ma’ dak dikjarat fil-kuntratt ta’ l-akkwist u cioè li l-Penthouse kienet qed tigi trasferita mill-vendituri lill-kompraturi, ir-Rikorrent u martu, *in a complete state, including internal solid pine doors*[17]*.* Fid-dawl tad-deskrizzjoni appena citata moghtija fil-kuntratt ta' trasferiment *i*t-Tribunal difficilment jista’ jemmen dak affermat mir-Rikorrent u cioè li ghamel il-finishing kollu hu a spejjez tieghu. Kieku verament kien hekk id-deskrizzjoni tal-Penthouse fil-kuntratt ta' trasferiment kienet tkun ben diversa minn *in a complete state including pine doors.* Apparte minn hekk ma huwiex

[16] Fol. 50 sa’ 57 tal-process.
[17] Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Fiona Farrugia datat 22 ta’ Lulju 2008, Dok. “PM1” a fol. 21 sa’ 34 tal-process.

affattu kredibbli wkoll likompratur prospettiv fuq konvenju jaghmel xoghlijiet rettifikatorji ta' xoghol allegatament maghmul hazin a spejjez tieghu u ma jesigix li dawn ix-xoghlijiet isiru mill-vendituri a spejjez taghhom fil-mori tal-konvenju.

Fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-kredibilità ta' dak affermat mir-Rikorrent huwa l-fatt li l-istess Rikorrent ma ressaq ebda rapprezentant tas-socjetà Mica Med Limited, is-socjetà li allegatament ghamlet ix-xoghol *turnkey*, biex jikkonferma li x-xoghol verament sar u jikkonferma wkoll l-awtenticità tar-ricevuta fiskali li nharget fit-22 ta' Lulju 2008 ghall-valur ta' €28,000 rapprezentanti *works/services at Penthouse 10, Crown Court, Triq it-Tamar, Qawra, Turnkey & Finishings*. Bis-semplici fatt li pprezenta tlett ritratti li essenzjalment juru biss il-bejt tal-Penthouse, il-faccata tal-block li fih hija sitwata l-istess Penthouse u terrazin bid-decking, ir-Rikorrent certament ma hu qed jaghti ebda forma ta' kredibilità lir-ricevuta fiskali esebita minnu.

It-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva wkoll li hemm probabilità qawwija hafna li s-socjetà Mica Med Limited hija konnessa mar-Rikorrent, fattur dan li ma issemma imkien mill-istess Rikorrent, u dana billi dik is-socjetà hija imsemmija – u dana mhux fil-vesti ta' kuntrattur inkarigat mir-Rikorrent – fil-Letter of Committment mahruga mill-HSBC Bank Malta p.l.c. fit-2 ta' Mejju 2008. In effetti f'dik l-ittra taht il-Paragrfu 6, li jittratta dwar is-*security* li kien qed jitlob il-Bank minghand il-konjugi Micallef biex jaghtihom finanzjament ta' €158,863, wahda mit-talbiet kienet li jkun hemm *Letter of Undertaking by Mica Med Ltd. to deposit €75,000 by 15 September 2008 in permanent reduction of this loan, funds to originate from sale proceeds of property in Zebbug*[18]. Biex il-Bank kien qed jitlob din it-tip ta' garanzija minghand is-socjetà Mica Med Limited fil-kuntest ta' self moghti lill-konjugi Micallef necessarjament ifisser li dik is-socjetà hija b'mod jew iehor konnessa maghhom jew min minnhom. Dan il-fatt jkompli jixhet iktar dubji fuq il-validità u kredibilità tar-

[18] Para.6(g) tas-sanction letter tat-2 ta' Mejju 2008, fol. 38 tal-process.

ricevuta fiskali esebita mir-Rikorrent a fol.45 tal-process biex jiggustifika d-differenza fil-prezz ta’ l-akkwist tal-Penthouse u l-valur ta’ €160,000 stmat mill-Perit Cassar wara li acceda fl-istess fond.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat it-Tribunal qed jiskarta r-ricevuta fiskali ghall-valur ta’ €28,0000 esebita mir-Rikorrent in kwantu din l-istess ricevuta ma hijiex affattu kredibbli anzi iktar tidher li nharget appozitament – b’kolluzzjoni bejn ir-Rikorrent u s-socjetà Mica Med Limited – bl-iskop li tigi evaza t-taxxa dovuta fuq l-akkwist tal-Penthouse Nru.10, Crown Court, Triq it-Tamar, Qawra, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, ai termini tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta. Proprio ghaliex jidher li din ir-ricevuta fiskali giet hekk ifabbrikata b’kolluzzjoni bejn ir-Rikorrent u s-socjetà Mica Med Limited bl-iskop li jkun hemm evazjoni ta’ taxxa, it-Tribunal jordna li din is-sentenza, flimkien ma' kopja tar-ricevuta fiskali datata 22 ta' Lulju 2008 esebita bhala Dok."PM3" a fol45 tal-process u ma' kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Fiona Farrugia esebit bhala Dok. "PM1" a fol. 21 sa' 34 tal-process, tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-fini li jinvestiga lir-Rikorrent Pierre Micallef u lis-socjetà Mica Med Limited dwar il-hrug ta' tali ricevuta fiskali in konnessjoni ma’ l-akkwist tal-Penthouse Nru.10, Crown Court, Triq it-Tamar, Qawra, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Fiona Farrugia datat 22 ta’ Lulju 2008.

Ladarba t-Tribunal ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq qed jiskarta ghal kollox ir-ricevuta fiskali esebita mir-Rikorrent biex jiggustifika allegata spiza ta’ €28,000 fil-Penthouse in kwistjoni u b’hekk jiggustifika wkoll il-valur ta’ €123,56 ghall-akkwist ta' l-istess Penthouse, jehtieg issa li jigi determinat jekk l-istima maghmula mill-Perit Mario Cassar ta’ €160,000 effettivament tirrispekkjax il-valur reali tal-Penthouse. Fil-fehma tat-Tribunal fin-nuqqas ta’ prova kuntrarja sodisfacenti da parte tar-Rikorrent u fid-dawl tal-fatt li fil-Letter of Committment tat-2 ta’ Mejju 2008 il-Bank HSBC kien qed jitlob minghand il-konjugi Micallef ghall-fini li jikkoncedi l-facilità minnhom rikjesta fost affarijiet ohra *amended architect’s valuation – market value to b*

*amended to at least €151,456*[19], huwa iktar verosimili li l-valur reali tal-Penthouse Nru.10, Crown Court, Triq it-Tamar, Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, akkwistata mir-Rikorrent u martu huwa ta' €160,000 kif stmat mill-Perit Cassar milli ta' €123,456 kif dikjarat fil-kuntratt ta' l-akkwist fl-atti tan-Nutar Dottor Fiona Farrugia datat 22 ta' Lulju 2008.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta ghalhekk li l-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mir-Rifjut ta' Oggezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 25 ta' Ottubru 2011 u l-konsegwenti Likwidazzjoni mahruga fis-26 ta' Ottubru 2011 ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi jichad l-appell interpost mir-Rikorrent mir-Rifjut ta' Oggezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 25 ta' Ottubru 2011 u l-konsegwenti Likwidazzjoni mahruga fis-26 ta' Ottubru 2011, u minflok jikkonferma l-istess Rifjut ta' Oggezzjoni u konsegwenti Likwidazzjoni, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

In fine t-Tribunal jordna li din is-sentenza, flimkien mar-ricevuta fiskali datata 22 ta' Lulju 2008 esebita mir-Rikorrent bhala Dok. "PM3" a fol. 45 tal-process u l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Fiona Farrugia datat 22 ta' Lulju 2008 esebit bhala Dok."PM1" a fol. 21 sa' 34 tal-process, tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-fini li jinvestiga lir-Rikorrent Pierre Micallef u lis-socjetà Mica Med Limited dwar il-hrug tar-ricevuta fiskali imsemmija in konnessjoni ma' l-akkwist tal-Penthouse Nru.10, Crown Court, Triq it-Tamar, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Fiona Farrugia datat 22 ta' Lulju 2008.

Ai termini ta' l-Artikolu 58(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li avviz ta' din id-decizjoni, tad-data taghha u ta' dak li effettivament gie deciz jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

---

[19] Fol. 36 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------